**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 02/10 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 21/01/2010 fis-06.30pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti mis-6.50pm |
| | | Camilleri Claude | Preżenti |
| | | Darmanin Richard | Preżenti mis-6.50pm sad-8.45pm |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti |
| | | Seychell Anthony | Preżenti sad-8.45pm |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti sad-8.45pm |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**02. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | Proponent:Fenech<br>Sekondant: Pace | **Il-Minuti 01/10 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 01.2.2 | Camilleri ġibed l-attenzjoni li l-mistoqsija parlamentari kienet tirrigwardja t-tapit perikoluż u l-foam nieqes minn mal-kolonni tal-ħadid. | | |
| | 01.2.7 | Jitneħħew il-kliem "peress li l-aħħar laqgħa ma kinetx preżenti u ma ngħatax invit f'idejha." | | |
| | 01.11.9 | Jitneħħew il-kliem "ma jiġux printjati aktar." | | |
| 02. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**02. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 02. 2. 1 | 01.2.1 | Sindku: Skart | Is-Sindku irrapporta dwar il-laqgħa li saret mal-Greenpak. Fuq direzzjoni tad-Dipartiment kull agreement li jsir ma jistax jeċċedi l-2011. Fi Frar ta' din is-sena is-sotto kumitat tal-familja ser iżuru r-residenzi u jqassmu l-boroz għal skart reċiklabbli, taħt id-direzzjoni tal-GreenPak u l-Viċi-Sindku. Il-Knisja ukoll ser tagħti l-kontribut tagħħha billi ser jitqassam flyer dwar il-ġbir u s-separzzjoni ta' l-iskart imħejji mill-Kunsill Lokali flimkien mar-rivista 'Flimkien' li titqassam f'kull dar fiż-Żejtun. Bħalissa qed isir tentattiv sabiex il-Kunsill jingħata lista ta' ħwienet li ser ikunu nfurmati dwar it-tibdil fil-ġbir ta' l-iskart speċjalment dak separat għar-riċiklaġġ. Is-Sindku inkariga lil Camilleri sabiex jistaqsi dwar is-separazzjoni ta' skart ġewwa l-iskejjel. Seychell ġibed l-attenzjoni dwar it-tbattil tal-bring in sites peress li l-plastik qed idum biex jitbattal avolja dan qed jintela ta' spiss u li jkun fl-art ma jinġabarax meta jsir it-tbattil. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Is-Sindku spjega li meta jkun hemm rapporti li l-bring in sites huma mimlija jintbagħat rapport lil WasteServ u dan jitbattal minnfih. Tal-madwar ma jinġabarx meta jsir it-tbattil peress li hemm kuntrattur differenti li jagħmel dawn ix-xogħol. Seychell staqsa jekk iż-Żejtun hux kollu kopert bil-bring insites. Pace issuġerixxa li ssir bring in site fi Triq il-Labour peress li din hija zona li mhix milħuqa bil-bring-in sites eżistenti madwar il-lokalita'. | |
| 02. | 2. | 2 | 01.2.3 | Viċi-Sindku: Laqgħa Kindergarten | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser issir il-laqgħa mal-Kap ta' l-iskola Primarja A. Is-Sindku informa lill-Kunsill li s'issa għad m'għandniex data meta ser issir. | Sindku Viċi-Sindku Camilleri |
| 02. | 2. | 3 | 01.2.4 | Fenech: Lista ta' Gradwati | Fenech staqsiet jekk ingħatatx lista aktar dettaljata tal-gradwati. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Fenech |
| 02. | 2. | 4 | 01.2.6 | Fenech: Proġett Arti Żagħżugħa | Fenech irrapurtat dwar il-wirja li saret fiċ-Ċentru Arti u Aritġjanat kif ukoll id-dramm "Lura għall-Futur" li ttella' fil-Juventutis Domus fl-10 ta' Jannar. Il-proġett mistenni jasal fi tmienu fl-aħħar ta' Jannar 2010. | Fenech |
| 02. | 2. | 5 | 01.2.9 | Viċi-Sindku: Ġnien tal-kmandant | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar il-graffiti li saru mal-pedestal tal-bust tal-Budaj. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġew infurmati l-pulizija sabiex issir iktar sorveljanza f'dan il-Ġnien. Camilleri rrimarka li hemm nuqqas ta' dawl filwaqt li s-Sindku irrapporta li s-sistema ta' cameras li nxtrat fl-2004 kienet qamet madwar Lm2,500 liema sistema bħalissa mhiex tiffunzjona għax dan l-aħħar kienet qed tkun mingħajr moniteraġġ. Għandha ssir laqgħa mad-Dedicated Micros sabiex niddiskutu magħhom l-proposta li ressaq Hales. | |
| 02. | 2. | 6 | 01.5.2 | Sindku: Triq Anġlu Gatt | Is-Sindku ta rapport fhiex wasal ix-xogħol fi Triq Anġlu Gatt u nforma lill-Kunsill dwar ix-xogħol li beda fil-parti t'isfel ta' Triq Falkunier. Ix-xogħol fuq Triq Orazio Diacono huwa mistenni li jibda aktar tard. | Sindku |
| 02. | 2. | 7 | 01.10.1 | Sindku: Kwotazzjonijiet | Is-Sindku informa lill-Kunsill li għalqu l-kwotazzjonijiet għal solar water pump u l-photovoltaic panels. Il-kwotazzjoni għal tqegħid u provvista ta' mużajk għal pjan t'isfel ta' l-uffiċċji tal-Kunsill mhux ser tiġi kunsidrata peress li meta tneħħiet il-kisja madum taċ-ċeramika mis-sala deher li l-madum oriġinali kien għadu tajjeb. Il-madum ser jingħorok sabiex jikseb l-effett oriġinali tiegħu. | Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 2. | 8 | 01.11.1 | Sindku: ADT Public Private Partnership | Il-Kunsill iddiskuta l-proposta ta' l-ADT dwar ir-resurfacing tat-toroq sabiex jidħlu fl-iskema ta' public private partnership. A. Toroq mhux residenjzali - link roads minn Bir id-Deheb sa Hompesch, Triq Arċirpiet Degabriele konnessjoni ma' Triq Bajja ta' San Tumas, Triq Xrobb l-Għaġin, Triq Strejnu, Triq President Anton Buttiġieġ u parti minn Vjal 25 ta' Novembru jibqgħu responsabbilta' ta' l-ADT. B. Toroq residenzjali - parti resdienzjali minn Vjal 25 ta' Novembru, lista ta' toroq ikklassifikati mid-DLG li huma 50% jew aktar mhux sodisfaċenti ġew proposti għall-iskema tal-Public/Private partnership. C. Toroq li qatt ma saru jibqgħu resposabbilta' tal-Gvern Ċentrali. Seychell talab sabiex tidħol fil-lista C, 70 metru sqaq li qatt ma ngħata l-asfalt Triq Strejnu, Sqaq Nru 1. | Sindku |
| 02. | 2. | 9 | 01.11.2 | Sindku: WIFI | Is-Sindku staqsa jekk l-applikazzjoni tal-WIFI mad-Dipartiment ġietx aċċettata. Is-Segretarjat wieġeb li d-dipartiment għadu qed jipproċessa l-applikazzjoni tal-Kunsill. | Pace |
| 02. | 2. | 10 | 01.11.3 | Pace:- Monti | Wara mistoqsija tas-Sindku, Pace talab lill-Kunsill sabiex jikteb lis-Segretarju Parlamentari dwar il-każ tal-monti taż-Żejtun kif ukoll ikunu mehmuza l-pjanti rilevanti. | Segretarjat |
| 02. | 2. | 11 | 01.11.4 | Sindku: Latrini Ġnien tal-Kmandant | Is-Sindku ippropona lill-Kunsill li l-flushing tal-pixxaturi fi Ġnien tal-Kmandant isiru fuq sistema ta' ilma kontrollat, bħal *wash hand basins* . | Hales |
| 02. | 2. | 12 | 01.11.15 | Seychell: Ħal Tmiem | Seychell informa lill-Kunsill li l-boroz ta' l-iskart tneħħew. Min-naħa l-oħra s-Segretarjat informa lill-Kunsill li ttieħdu r-ritratti tat-trakk u ġew infurmati l-Pulizija. | |
| 02. | 2. | 13 | 01.11.19 | Viċi-Sindku:Ħmieġ fi Triq id-Dulliegħ | Il-Viċi-Sindku staqsiet x'passi ttieħdu dwar il-ħmieġ fi Triq id-Dulliegħ. Is-Sindku spjega li nkitbet ittra lill-Mepa u ġew infurmati l-pulizija. Is-Sindku talab sabiex issir kampnaja ħalli jingħalqu l-plots vojta u jittieħdu r-ritratti tas-siti. | Sindku<br>Wille Piscopo |

**02. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 3. | 1 | 05 | DLG: Memo 13/2010 Laqgħa tal-lokalita' u estimi finanzjarji | **Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika ssir nhar it-18 ta' Frar 2010.** Id-Dipartiment ser ikun infurmat b'din id-data. Il-kunsilliera ġew imħeġġa sabiex jissottomettu r-rapporti tagħhom kemm jista' jkun malajar lis-Segretarjat. | Segretarjat |
| 02. | 3. | 2 | 06 | DLG: Memo 14/2010 Skema ta' Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-DLG dwar l-attivita' Żejt iż-Żejtun liema data għas-sena 2010 ilha mfassla mill-bidu ta' l-2009. Minkejja li l-Awtorita' tat-Turiżmu kienet taf bid-data ta' Żejt iż-Żejtun xorta waħda qed isiru l-preparamenti sabiex n-Notte Bianca tkun fl-istess tmiem il-ġimgħa ta' Żejt iż-Żejtun. Il-Kunsill qabel li nżommu d-data oriġinali. Dwar dan ġie diġa' mgħarraf l-Onor. Chris Said.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02. 3. 3 | 08 | DLG: Memo 18/2010 Skema għal Lokalitajiet Sostenibbli | **Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kjarifika lid-dipartiment dwar l-iskema għal-lokalitajiet sostenibbli.** | |
| 02. 3. 4 | 09 | DLG: Stop Sign fi Triq Toni Zahra | Is-Sindku spjega li minħabba l-inċidenti tat-traffiku frekwenti fi Triq Ħal Tarxien k/m Triq Toni Zahra, twaħħlet stop sign fl-area indikata bil-konsegwenza li sar ilment mis-Sinjura Manicolo peress li din qed tallega li l-istop sign qegħda fl-area tal-propjeta' tagħha. Għal dan il-għan il-Kunsill ser jitlob l-alignment line ta' Triq Toni Zahra mill-MEPA u jipproċedi skond l-eżitu. | Sindku |
| 02. 3. 5 | 10 | Kunsill Lokali 2015: Kolonna tal-ġebel fi Triq l-Ispirtu s-Santu | Wara li nqrat l-ittra dwar kolonna tal-ġebel li tneħħiet fi Triq l-Ispirtu s-Santu, **il-Kunsill qabel li jsiru bollards tal-ħadid miż-żewġ naħat tat-triq imsemmija.** | Sindku |
| 02. 3. 6 | 11 | Alberta: Business Breakfast | Is-Sindku inkariga lil Darmanin sabiex jattendi għal business breakfast organizzat mill-alberta dwar is-sigurta'. | Darmanin |
| 02. 3. 6 | 12 | Caremalta: Nazzareno Vassallo Award | **Il-Kunsill qabel nem.con li jinnomina lill-Viċi-Sindku Joan Agius għal Nazzareno Vassallo Award.** | Sindku |
| 02. 3. 7 | 15 | AKL: TV Slot | Il-Viċi-sindku ġiet inkarigata tikseb aktar informazzjoni dwar il-programm ta' televiżjoni li ser isir dwar il-kunsilli lokali sabiex tkun tista' titieħed deċiżjoni jekk il-Kunsill Lokali jipparteċipax jew le f'dawn il-programmi kif imsemmi mill-AKL. | Viċi-Sindku |
| 02. 3. 8 | | Viċi-Sindku: Preżentazzjoni ta' TCTC | Is-Sindku ippreżenta lil Camilleri komemorazzjoni minn TCTC għal premju li kiseb bħala l-aktar kunsillier li kkordina mal-kumpanija TCTC. | |
| 02. 3. 9 | | Viċi-Sindku: 5 kompjuters | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni li saret f'kumpanija privata sabiex il-Kunsill Lokali jikseb 5 kompjuters refurbished ġiet milqugħa. Dawn ingħataw mill-Intercomp Ltd. | |

**02. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 02. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 02/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 02. 4. 2 | 7 | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb ittra ta' ringrazzjament lis-Sinjura Doris Brincat għax-xogħol li sar mir-raġel tagħha fil-komunita'.** | | |
| 02. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 02/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**02. 5. Xogħol ta' Toroq Vittmi tal-Gwerra, Anġlu Grima, Dun Ġwann Tabone**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 5. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku ta rapport tax-xogħol li għaddej bħalissa fi Triq Dun Ġwann Tabone, Triq Anġlu Girma u Triq Vittmi tal-Gwerra. | Sindku |

**02. 6. Performance Bonus ta' l-Impjegati**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02. 6. 1 | | | **Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li jagħti l-full performance bonus lill-impjegati tiegħu, iżda għandna nkellmu lill-handyman F. Camilleri dwar xi nuqqasijiet.** | |

**02. 7.** **Tkabbir tas-Suq**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 7. 1 | | Sindku | B'referenza għat-tkabbir tas-suq fil-lokalita', is-Sindku inkariga lil Pace sabiex ikellem lis-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi. | Pace |

**02. 8.** **It-Tqassim tal-Liġi Emendata**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 8. 1 | | Sindku: Tqassim tal-Liġi | Is-Sindku qassam lill-Kunsilliera kopja tal-liġi emendata tal-Kunsilli Lokali. | |

**02. 9.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 02. 9. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | |

**02. 11.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 11. 1 | | Sindku: Parking Bays fi Triq San Ġużepp | Is-Sindku talab li jsiru l-parking bays fi Triq San Ġużepp. Darmanin staqsa jekk kienx hemm risposta dwar żebgħa fi Triq l-Għadam. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Darmanin |
| 02. 11. 2 | | Sindku: Rapport Finanzjarju Ottubru - Diċembru 2009 | **Il-Kunsill ġie preżentat rapport finanzjarju ta' bejn Ottubru u Diċembru 2009. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega d-dħul u n-nefqa tat-tielet kwart tas-sena. Il-Kunsill approva dan ir-rapport li spiċċa b'bilanċ favorevoli ta' Eur90,688 u għaldaqstant ġie iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | Segretarjat |
| 02. 11. 3 | | Fenech: Horse Riding | **Il-Kunsill approva li s-sotto kumitat taż-żgħażagħ u sport jorganizza attivita' ta' *horse riding* fil-31 ta' Jannar 2010.** | Fenech |
| 02. 11. 4 | | Fenech: Skema - Aerobics | **Fenech infurmat lill-Kunsill li għadha ma ngħatatx risposta mill-ministeru sabiex l-iskema ta' sezzjonijiet ta' l-aerobics, tiġix estiża jew le. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill iddeċieda li jekk il-Ministeru jibqa ma jagħtix risposta, il-korsijiet ta' l-aerobics isiru xorta waħda bil-prezzijiet li ġejjin:- kors ta' filgħodu Eur30 u ta' fil-għaxija Eur32 kull għaxar sezzjonijiet. Dawn isiru nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis fil-għodu u/jew fil-għaxija. Kull persuna trid tħallas miżata ta' Eur3 lill-Kunsill Lokali. Il-korsijiet tal-karat mis-Sur Brian Tonna ser jibdew min-nhar it-3 ta' Frar kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Sibt.** | Fenech |
| 02. 11. 5 | | Fenech: Draingae Leakage | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsil dwar drainage leakage ħdejn il-bieb tal-gym. | Sindku Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02. | 11. 6 | Pace: Triq President Anton Buttiġieġ | Pace irraporta li skond l-Mt iż-żebgħa fi Triq President Anton Buttiġieġ ser isir dil-ġimgħa. Is-Sindku rraporta fil-laqgħa t-tweġiba lill-artiklu li deher f'ġurnal lokali dwar it-Triq President Anton Buttiġieġ miktub minn Daniela Borg Mizzi ta' l-Mt fejn allegat li xogħol ta' traffic calming kellu jsir fit-2008 mill-Kunsill. Dan mhux minnu u s-Sindku bagħat kjarifika li tgiddeb dak li qalet Daniela Borg Mizzi. **Infatti l-legend tal-pjanta tat-Traffic Calming fi Triq President Anton Buttiġieġ tlestiet fl-2007 iżda ġiet revised u tlestiet fl-2009. Il-Kunsill ingħata kopja f' Awwissu 2009. Għalhekk huwa assurd li jingħad li l-Kunsill Lokali qatt seta' jibda xi xogħol fl-2008!** | Sindku Pace |
| 02. | 11. 7 | Pace: Patching Estensiv | Pace informa lill-Kunsill li Triq A. Cachia Zammit għandha tidħol fil-programm ta' patching estensiv ta' l-Mt. | Sindku Pace |
| 02. | 11. 8 | Camilleri: Traffic Lights | Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-periklu kontinwu meta tiġi biex taqsam bejn Triq A Cachia zammit u Triq Santa' Katarina. Għaldaqstant talab sabiex isiru traffic lights. Mill-banda l-oħra talab sabiex isiru pelican lights fi Triq Falkunier quddiem St. Catherine Pharmacy minflok it-talba għal zebra crossing li ilha quddiem l-Mt għall-approvazzjoni dawn l-aħħar sentejn. | Darmanin |
| 02. | 11. 9 | Camilleri: Triq Nikol Attard | Camilleri ressaq quddiem il-Kunsill talba tar-residenti ta' Triq Nikol Attard sabiex issir *sleeping policeman* jew tingħalaq it-triq. Is-Sindku talab sabiex issir petizzjoni mir-resdienti. Camilleri ġibed l-attenzjoni wkoll dwar l-arblu li hemm fin-nofs tat-triq u baqa' ma tneħħiex. | Sindku |
| 02. | 11. 10 | Viċi-Sindku: Weekend Break | **Il-Kunsill qabel li s-sotto kumitat jorganizza weekend break bejn id-19 u l-21 ta' Frar fid-Dolmen Hotel għall-prezz ta' Eur64 fuq bażi ta' halfboard. Tfal minn 3 snin nofs prezz. L-ikla tal-Ħadd f'nofsinhar Eur15.** | Viċi-Sindku |
| 02. | 11. 11 | Viċi-Sindku: Party tat-Tfal tal-Milied | Il-Viċi-Sindku tat rapport tal-party tat-tfal li sar għall-festa tal-Milied. | Viċi-Sindku |
| 02. | 11. 12 | Sindku: Protocol - Fondi Italja, Malta | Il-Kunsill approva li sa l-aħħar ta' Marzu ser jiġi sottomess proġett tal-protocol ta' fondi Italja Malta. Il-proġett ser ikun bejn Abruzzo, Zejtun u post fi Sqallija li jħares lejn Malta. | Sindku |
| 02. | 11. 13 | Sindku: Cancu Supreme | Fil-laqgħat preċedenti is-Sindku kien informa lill-Kunsill li Cancu Supreme Travel huwa interessat li jħalli l-bini li minnu qed jopera bħalissa u tefa' applikazzjoni sabiex jibda jopera minn post ieħor bogħod minn żona residenzjali. Il-Kunsil qabel li għandu jikteb lill-MEPA li l-post li minnu qed jopera minnu bħalissa mhux tajjeb peress li huwa ta' inkonvenjent kbir tar-residenti ta' l-inħawi. Pace ġie inkarigat isegwi dan l-apllikazzjoni għal post ieħor. | Sindku Segretarjat Pace |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02. | 11. 14 | Sindku: Żjara President ta' Malta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-President ta' Malta ser jagħmel żjara uffiċjali fiż-Żejtun li tibda nhar id-29 ta' April 2010 u tagħlaq li nhar it-2 ta' Mejju. **Il-Kunsill qabel li dak inhar issir l-inawgurazzjoni ta' Ġnien iż-Żgħożija.** | Sindku |
| 02. | 11. 15 | Hales: Ġnien Brejġu | Hales staqsa jekk l-isem ta' Ġnien Brejġu hux l-isem oriġinali ta' dan il-ġnien. | |
| 02. | 11. 16 | Fenech: Triq E. Attard Bezzina | Fenech reġgħet fakkret lill-Kunsill sabiex titranġa parti minn Triq E. Attard Bezzina. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.30pm. Laqgħa oħra ser issir fl-4 ta' Frar 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv